MALTA

# BORD TA' ARBITRAGG DWAR ARTIJIET

## MAGISTRAT DR.
## GIOVANNI GRIXTI

Seduta tal-5 ta' Novembru, 2009

Rikors Numru. 12/2006/1

**Joseph Busuttil (ID 691257M)**
**Rita Busuttil (ID 55995M)**

**vs**

**Direttur tal-Artijiet**

Il-Bord;

Rat r-rikors promutur li jghid hekk:

Illi huma ghadhom kif gew notifikati b'att gudizzjarju bid-data 7 ta' Lulju 2006 (kopja Dok A) fejn l-intimat offra lill-esponenti s-somma ta' elf mija u hamsin lira (Lm1,150) ghax-xiri assolut bhala libera u franka ta' porzjoni art mmarkata bhala 2A fuq il-pjanta annessa mall-att Dok VM 1fiz-Zurrieq tal-kejl ta' madwar erba' mija u tlieta u tletin metru kwadru (433mk) kif imsemmija fl-Avviz numru 1108 tas-7 ta' Novembru 2005.

Illi l-esponenti mhumiex qeghdin jaccettaw dina l-offerta u qeghdin jitolbu u jindikaw is-somma ta' hamest elef lira (Lm5,000) bazata fuq ir-rata ta' Lm13,000 ghal kull tomna skond stima maghmula mill-Perit Anton Zammit datata 19 ta' Gunju 2006 u annessa bhala Dok B;

Ghaldaqstant l-esponenti jitolbu lil dan il-Bord jiddetermina l-kumpens xieraq dovut lilhom u jaghti dawk id-direttivi kollha necessarji a tenur tal-artikolu 22 tal-Kap 88;

Ra ir-risposta tad-Direttur ta' l-Artijiet li tghid hekk:

Illi l-esponent gie notifikat bir-rikors datat 20 ta' Gunju 2006 fl-ismijiet fuq imsemmija fejn ir-rikorrenti oggezzjonaw ghall-valur offrut lilhom mill-Awtorita' kompetenti ta' elf mija u hamsin lira Maltin (Lm1,150) ghax-xiri assolut bhala libera u franka ta' bicca art fiz-Zurrieq tal-kejl ta' circa 433 metri kwadri mmarkata bhala porzjon 2A fuq il-pjanta PD 200A 2004 1 li gia giet pprezentata quddiem dan l-Onorabbli Bord u qeghdin jippretendu li l-kumpens gust ghandu jkun dak ta' hamest elef Liri Maltin (Lm5,000);

Illi l-esponent qieghed jibqa jsostni illi l-valur gust tal-art huwa dak fuq citat, u cioe' l-ammont ta' elf mija u hamsin fLiri Maltin (Lm1,150) u dan skond l-istima tal-perit arkitett Joseph Mizzi A&CE li kklasifika l-art bhala agrikola ai termini tal-Kap 88 tal-Ligijiet ta' Malta;

Ghaldaqstant l-esponent qieghed jitlob lil dan l-Onorabbli Bord joghgbu jiffissa l-ammont ta' elf mija u hamsin lira Maltin (Lm1,150) bhala l-kumpens gust ghall-espropriazzjoni tal-art fuq imsemmija.

Semgha x-xhieda bil-gurament;

Ra l-atti kollha tar-rikors;

Ikkunsidra:

Illi l-Bord kien assenja bhala membri tieghu biex jassistuh lill-periti arkitetti l-AIC Joseph Briffa u AIC David Pace u li dawn ghamlu relazzjoni kongunta hawn annessa bhala parti integrali ta' din is-sentenza.

Illi fil-paragrafu konklussiv tar-relazzjoni taghhom il-periti membri tal-Bord wara li stabbilew li din l-art hija wahda agrikola, qalu b'mod unanimu hekk:

Bhala rizultat ta' dan huma tal-opinjoni illli l-kumpens li ghandu jithallas ghax-xiri ta' din il-proprjeta' agrikola bhala libera u franka, u kif deskritta fid-dokumenti esibiti, ghandu jigi iffissat fl-ammont ta' tmint elef u disghin ewro (E 8090)

Il-Bord ghalhekk jilqa talba tar-rikorrenti u qed jiffissa l-kumpens xieraq dovut lilhom ghat-trasferiment b'xiri assolut bhala libera u franka tal-porzjoni art mmarkata bhala 2A fuq il-pjanta annessa mall-att Dok VM 1 fiz-Zurrieq tal-kejl ta' madwar erba' mija u tlieta u tletin metru kwadru (433mk) kif imsemmija fl-Avviz numru 1108 tas-7 ta' Novembru 2005 fl-ammont ta' tmint elef u disghin euro (Ewro 8,090.00) oltre l-imghax legali ai termini tal-artikolu 12(3) tal-Kap 88.

L-ispejjez ghandhom ikunu sopportati mill-partijiet fi proporzjon li d-differenza fl-ammont offrut mill-awtorita kompetenti u dak hekk stabbilit mill-Bord ikollhom ghad-differenza fl-ammont mitlub mis-sid u l-ammont stabbilit mill-Bord.

**< Sentenza Finali >**

---------------------------------TMIEM---------------------------------